KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-13 ta' Settembru 2012[1]

Kawża C-461/11

Ulf Kazimierz Radziejewski
vs
Kronofogdemyndigheten i Stockholm

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iStockholms tingsrätt (l-Isvezja)]

"Moviment liberu tal-ħaddiema — Ħelsien mid-dejn — Rekwiżit ta' residenza"

1. Persuna tista' tinqabad fin-nassa tad-dejn b'tali mod li ma jistax jiġi raġonevolment preżunt li din tista' toħroġ minnha fil-futur qarib. Fl-Isvezja, dan it-tip ta' debituri jistgħu japplikaw għall-ħelsien mid-dejn[2] ("skuldsanering") fejn awtorità pubblika (Kronofogdemyndigheten: iktar 'il quddiem il-"il-KFM") teħlishom totalment jew parzjalment mill-obbligu tal-ħlas tad-dejn. Madankollu, teżisti kundizzjoni li trid tkun sodisfatta minn qabel sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-ħelsien mid-dejn fl-Isvezja, li hija dik li l-applikant ikun residenti fl-Isvezja. Dan ir-rekwiżit jidher li huwa impost għal raġunijiet relatati ma' (i) l-effettività tad-deċiżjonijiet dwar il-ħelsien mid-dejn, (ii) il-bżonn ta' informazzjoni kompluta u korretta dwar il-pożizzjoni tad-debitur u (iii) il-preokkupazzjoni li l-iskema tista' nkella tipperikola l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE li jirregola l-ftuħ tal-proċeduri ta' falliment. Fil-kawża preżenti, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-rekwiżit ta' residenza huwiex ta' natura li jipprekludi jew li jiddiswadi lil ħaddiem milli jitlaq mill-Isvezja sabiex jeżerċita d-dritt għall-moviment liberu tiegħu.

Il-kuntest legali

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

2. L-Artikolu 45 TFUE jipprovdi:

"1. Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni.

2. Dan jimplika l-abolizzjoni ta' kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza bejn il-ħaddiema ta' l-Istati Membri dwar l-impjieg, il-paga u l-kondizzjonijiet l-oħra tax-xogħol.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Għal deskrizzjoni iktar dettaljata tat-tip ta' ħelsien mid-dejn disponibbli permezz tal-miżura inkwistjoni, ara l-punti 10 sa 14 iktar 'il quddiem.

3. Għandu jinkludi d-dritt, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet ġustifikati minħabba ordni pubbliku, sigurta' pubblika u saħħa pubblika:

a) li jaċċetta offerti ta' impjieg li jkunu saru,

b) li jispostja ruħu liberament għal dan l-għan fit-territorju ta' l-Istati Membri,

ċ) li joqgħod f'kull Stat Membru sabiex jaħdem f'impjieg skond il-liġijiet, regolamenti u regoli amministrattivi li jirregolaw l-impjieg tal-ħaddiema ta' dak l-Istat,

d) li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkun okkupa impjieg hemm, suġġett għal kondizzjonijiet f'regolamenti implimentattivi li għandhom jitħejjew mill-Kummissjoni.

[…]"

Ir-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment

3. Skont it-tieni premessa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment"),[3] "[i]l-funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ illi l-proċeduri ta' falliment trans-fruntieri joperaw b'effiċjenza u b'effettività". Ir-raba' premessa tiddikjara li "[h]uwa meħtieġ […] li jiġu evitati inċentivi għal partijiet li jittrasferixxu assi jew proċeduri ġudizzjarji minn Stat Membru għall-ieħor, biex b'hekk ifittxu sitwazzjoni legali aktar favorevoli (forum shopping)".

4. Skont is-sitt premessa, ir-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment "għandu jkun limitat għal dispożizzjonijiet li jirregolaw ġurisdizzjoni għal ftuħ ta' proċeduri ta' falliment u ġudizzji li jingħataw direttament fuq bażi ta' proċeduri ta' falliment u li huma marbuta mill-qrib ma' proċeduri bħal dawn".

5. L-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għal proċeduri kollettivi ta' falliment li jinvolvu t-tneħħija tal-assi parzjali jew totali ta' debitur u l-ħatra ta' likwidatur".

6. L-Artikolu 2(a) jiddefinixxi "proċeduri ta' falliment" bħala "proċeduri kollettivi msemmija fl-Artikolu 1(1)" u jiddikjara li "[d]awn il-proċeduri huma mniżżla f'L-Anness A".[4] L-Anness A jsemmi l-proċeduri fid-diversi Stati Membri li għalihom huwa applikabbli r-Regolament. Il-Kunsill jista' jemenda din il-lista, skont l-Artikolu 45, fuq l-inizjattiva ta' wieħed mill-Istati Membri jew fuq proposta mill-Kummissjoni.

7. L-Anness A ma jsemmix is-"skuldsanering" taħt "SVERIGE" (l-Isvezja).

Ir-Regolament Brussell I

8. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001[5] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell I") dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali "jkopri il-materji prinċipali ċivili u kummerċjali apparti minn ċerti materji li jkunu ġew definiti"[6].

3 — Regolament tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-proċeduri ta' falliment (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1 , p. 191) kif emendat.

4 — Ara wkoll id-disa' premessa tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment.

5 — Regolament tat-22 ta' Diċembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) kif emendat. Ir-Regolament Brussell I jissostitwixxi, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri (ħlief id-Danimarka), il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (ĠU 1972 L 299, p. 32).

6 — Premessa 7 tar-Regolament Brussell I.

9. L-Artikolu 1 tar-Regolament Brussell I jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'materji ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. M'għandux jestendi b'mod partikolari, għal introjtu minn taxxi, dwana jew materji amministrattivi.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[…]

(b) falliment, proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanija falluti jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġuridiki, komposizzjoni jew proċeduri analogi;

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

10. Ir-raba' paragrafu tas-skuldsaneringslagen (2006:548) (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn") jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom persuni fiżiċi jkunu eliġibbli għal ħelsien totali jew parzjali mid-dejn. Iċ-ċittadinanza Svediża ma hijiex kundizzjoni. Il-paragrafu 4 jipprovdi:

"Ħelsien mid-dejn jista' jingħata lil debitur li jirrisjedi fl-Isvezja u lil persuna fiżika, jekk:

1. id-debitur falla u għandu tant dejn li huwa jew hija ma jistgħux jiġu preżunti li għandhom il-mezzi sabiex iħallsu d-dejn tagħhom fi żmien qasir u

2. huwa raġonevoli, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali u ekonomika tad-debitur, li huwa jew hija għandhom jingħataw il-ħelsien mid-dejn.

Persuna li hija rreġistrata fir-reġistru tal-popolazzjoni fl-Isvezja għandha titqies bħala residenti fl-Isvezja għall-iskop tal-applikazzjoni tas-subparagrafu 1.

Għall-iskop tal-applikazzjoni tas-subparagrafu 2, għandha tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċirkustanzi li fihom inħoloq id-dejn, l-isforzi tad-debitur sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu u l-mod ta' kif id-debitur ikkoopera fil-ġestjoni tal-każ għall-ħelsien mid-dejn.

Jekk id-debitur huwa negozjant, il-ħelsien mid-dejn jista' jingħata biss jekk is-sitwazzjoni ekonomika madwar l-attività kummerċjali tista' tiġi faċilment investigata."

11. Permezz tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-popolazzjoni fl-Isvezja, persuna tużufruwixxi minn drittijiet u ssir suġġetta għal obbligi, bħad-dritt għall-vot jew l-obbligu li tħallas it-taxxa.

12. Il-paragrafu 13 tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn jipprovdi li applikazzjoni għall-ħelsien mid-dejn għandha tinċaħad jekk din ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 4.

13. Il-paragrafu 14 tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn jipprovdi li l-KFM għandha tinvestiga, sa fejn huwa neċessarju, dwar iċ-ċirkustanzi personali u finanzjarji tad-debitur billi tikkuntattja lill-awtoritajiet amministrattivi l-oħra. Skont il-paragrafu 17, id-debitur jista' jinstema'. F'dak il-każ, id-debitur għandu jattendi laqgħa flimkien mal-KFM u jipprovdi l-informazzjoni neċessarja.

14. Waqt is-seduta, il-Gvern Svediż ikkonferma li l-proċeduri għall-ħelsien mid-dejn joperaw b'dan il-mod. Id-debitur japplika għand il-KFM għall-ħelsien mid-dejn u għandu jiddikjara d-dħul u l-infiq kollu. Skont l-informazzjoni disponibbli, l-awtorità tiddetermina jekk l-applikant huwiex prinċipalment eliġibbli u, jekk ikun hekk, tagħti bidu għall-proċeduri għall-ħelsien mid-dejn. Dik id-deċiżjoni hija ppubblikata fl-Isvezja. Il-krediturі, indipendentement min-nazzjonalità u mir-residenza tagħhom, jiġu mistiedna sabiex jissottomettu t-talbiet tagħhom u, fejn ikun xieraq, jistgħu jintalbu sabiex jipprovdu informazzjoni. Sussegwentement, il-KFM, flimkien mad-debitur, tipprepara pjan għall-ħelsien mid-dejn (jew skema tar-rati) li jintbagħat lill-krediturі magħrufa kollha li għandhom id-dritt għas-smigħ. Wara dan il-proċess, l-awtorità tieħu deċiżjoni finali dwar jekk tħassarx jew tnaqqasx id-dejn. Dik id-deċiżjoni tiġi ppubblikata. Il-validità tagħha għandha limitu ta' żmien (pereżempju sa ħames snin). Din tista' tiġi appellata. Il-KFM stess tista' tannulla d-deċiżjoni għall-ħelsien mid-dejn, b'mod partikolari meta s-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur tinbidel.

Il-proċeduri prinċipali u d-domanda preliminari

15. U. Radziejewski huwa ta' nazzjonalità Svediża. Sal-2001, flimkien mal-mara tiegħu, huwa kien jaħdem u jirrisjedi fl-Isvezja. Fl-1996, dawn fallew peress li falla n-negozju tagħhom. Id-dejn li rriżulta kien sar b'rabta ma' attivitajiet li seħħew fl-Isvezja. Il-krediturі tagħhom huma kollha impriżi Svediżi.

16. Mill-1997, id-dħul ta' U. Radziejewski u tal-mara tiegħu kien suġġett għal ordni ta' sekwestru fuq id-dħul maħruġ mill-KFM, li kien jipprovdi li r-rati għall-ħlas tad-dejn jinġabru billi l-persuna Svediża li timpjegahom iżżomm (parti) mid-dħul tagħhom.

17. Fl-2001, U. Radziejewski kellu offerta ta' xogħol minn persuna Svediża li timpjega fil-Belġju. Huwa mar jgħix fil-Belġju flimkien mal-mara tiegħu u baqgħu jgħixu hemmhekk minn dak iż-żmien. Bħalissa huma t-tnejn qegħdin jaħdmu għall-istess persuna Svediża li timpjega. Fil-preżent huma ma għandhomx residenza rreġistrata fl-Isvezja.

18. Fl-2011, U. Radziejewski applika mal-KFM għall-ħelsien mid-dejn. Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-KFM ċaħdet dik l-applikazzjoni minħabba li U. Radziejewski ma kienx residenti, u ma kellux residenza rreġistrata, fl-Isvezja. Il-KFM ma eżaminatx jekk huwa kienx jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra sabiex ikun jista' jikseb il-ħelsien mid-dejn.

19. U. Radziejewski appella mid-deċiżjoni tal-KFM quddiem l-iStockholms tingsrätt (Qorti tal-Prim' Istanza, Stokkolma: iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju"). L-appell huwa bbażat, *inter alia*, fuq l-argument li r-rekwiżit ta' residenza jikser id-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

20. Il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-rekwiżit ta' residenza fl-Isvezja li jinsab fl-Artikolu 4 tas-Skuldsaneringslagen (2006:548) (Liġi Nru 548 tal-2006 dwar il-ħelsien totali jew parzjali mid-dejn) jista' jitqies li huwa ta' natura li jipprekludi jew jiddiswadi ħaddiem milli jitlaq mill-Isvezja sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu u, għalhekk, li jmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni Ewropea stabbilit fl-Artikolu 45 TFUE?"

21. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-KFM, minn U. Radziejewski, mill-Gvern Svediż u mill-Kummissjoni Ewropea.

22. Waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2012, il-Gvern Svediż u l-Kummissjoni għamlu sottomissjonijiet orali.

Il-kunsiderazzjonijiet

Osservazzjonijiet preliminari

23. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-rekwiżit ta' residenza inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali jistax jitqies li huwa ta' natura li jipprekludi jew jiddiswadi lil ħaddiem milli jitlaq mill-Isvezja sabiex jeżerċita d-dritt għal moviment liberu tiegħu u, għalhekk, li jmur kontra l-Artikolu 45 TFUE. Hija ma tistaqsix lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkunsidra ġustifikazzjonijiet possibbli għal dak ir-rekwiżit. Ir-rinviju lanqas ma jispjega l-iskop tar-rekwiżit ta' residenza. Għaldaqstant, jidher li l-qorti tar-rinviju għadha trid tagħmel l-evalwazzjonijiet fattwali neċessarji f'dan ir-rigward.

24. Min-naħa l-oħra, il-KFM, il-Gvern Svediż u l-Kummissjoni lkoll indirizzaw – għalkemm b'mod inkomplut u fil-qosor – il-kwistjoni dwar jekk ir-rekwiżit ta' residenza jistax jiġi ġġustifikat u fuq liema bażi.

25. Għar-raġunijiet spjegati f'dawn il-konklużjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta pożittiva għad-domanda preliminari mressqa. Sabiex nipprovdi lill-qorti tar-rinviju bl-għajnuna addizzjonali neċessarja, ser nindirizza l-ġustifikazzjoni(jiet) possibbli għar-rekwiżit ta' residenza abbażi tal-informazzjoni limitata li nġabret mill-osservazzjonijiet bil-miktub u waqt is-seduta.

L-Artikolu 45 TFUE jipprekludi lil Stat Membru milli jikkunsidra lil persuna bħala eliġibbli għal ħelsien mid-dejn abbażi tar-residenza?

26. Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 45 TFUE jipprekludix lil Stat Membru milli jikkunsidra lil persuna bħala eliġibbli għal ħelsien mid-dejn abbażi tar-residenza f'dak l-Istat Membru. Hija tistaqsi b'mod partikolari jekk ir-rekwiżit ta' residenza jikkostitwixxix ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema.

27. Il-ħaddiema kollha huma benefiċjarji potenzjali tad-drittijiet għal moviment liberu skont l-Artikolu 45 TFUE. Huma għandhom ikunu jistgħu jiċċaqilqu f'kull ħin fit-territorju tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jaċċettaw offerta ta' xogħol u sabiex ikunu jistgħu joqogħdu hemmhekk waqt u jibqgħu hemmhekk wara, dak l-impjieg.

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet illi "d-dispożizzjonijiet kollha tat-[Trattat] […] dwar il-moviment liberu tal-persuni huma intiżi li jiffaċilitaw, għaċ-ċittadini tal-Istati Membri, l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' kwalunkwe natura fit-territorju tal-Unjoni [Ewropea] u jipprekludu miżuri li jistgħu jqiegħdu fi żvantaġġ lil dawn iċ-ċittadini meta jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor"[7]. Għal din ir-raġuni, teżisti restrizzjoni jekk dispożizzjoni nazzjonali "[t]fixk[e]l jew [t]iddiswad[i] ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru milli jitlaq mill Istat ta' oriġini tiegħu sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu"[8].

29. F'din il-kawża, il-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn toffri ħelsien lid-debituri li ma jistgħux jiġu preżunti li għandhom il-mezzi sabiex iħallsu d-dejn tagħhom fil-futur qarib u li s-sitwazzjoni personali u ekonomika tagħhom tiġġustifika l-għoti tal-ħelsien mid-dejn. Jekk dik l-għotja tingħata abbażi tal-kundizzjoni ta' residenza fl-Isvezja, persuna li tkun eliġibbli għall-ħelsien mid-dejn tista' ma tmurx fi Stat Membru ieħor sabiex tibda taħdem hemmhekk. Għaldaqstant, tirriżulta restrizzjoni fuq

7 — Kawża C-325/08 *Olympique Lyonnais* (2010) Ġabra p. I-2177, paragrafu 33 u l-ġurisprudenza ċċitata.

8 — *Olympique Lyonnais,* iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, paragrafu 34, u l-ġurisprudenza ċċitata.

il-moviment liberu tal-ħaddiema mill-fatt li r-rekwiżit ta' residenza jista' jiddiswadi lil debitur milli jmur jaħdem fi Stat Membru ieħor. Bl-istess argument, debitur, (bħal U. Radziejewski) li telaq mill-Isvezja sabiex imur jaħdem fi Stat Membru ieħor, tpoġġa fi żvantaġġ biss minħabba l-fatt li eżerċita d-drittijiet għall-moviment liberu tiegħu.

30. Il-KFM targumenta li n-nuqqas ta' regoli armonizzati dwar ir-rikonoxximent barra mill-Isvezja tad-deċiżjonijiet tagħha dwar il-ħelsien mid-dejn jikkostitwixxi tfixkil għall-moviment liberu. Dak l-argument ma għandux x'jaqsam mal-punt inkwistjoni. L-armonizzazzjoni hija evidentement mezz importanti u utli sabiex jitwettaq is-suq intern. Iżda, f'oqsma fejn ma teżisti ebda armonizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom madankollu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom stabbiliti fit-trattati.

31. Għaldaqstant nikkunsidra li rekwiżit ta' residenza bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ jista' joħloq restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema u għalhekk huwa fil-prinċipju pprojbit skont l-Artikolu 45 TFUE.

Ġustifikazzjoni

Introduzzjoni

32. Miżura li tostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema tista' tiġi ġġustifikata biss jekk (i) ikollha għan leġittimu, (ii) tiżgura l-kisba tal-għan imsemmi u (iii) ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan [9].

33. Jidher, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Svediż u mill-istorja tal-leġiżlazzjoni tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn kif deskritta hemmhekk, li r-rekwiżit ta' residenza huwa impost għal żewġ raġunijiet: huwa intiż sabiex jiżgura l-effettività tad-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn u sabiex jiżgura li l-ħelsien mid-dejn jingħata abbażi ta' informazzjoni dwar id-debitur li tkun kompleta u korretta. Waqt is-seduta, il-Gvern Svediż elabora argument ta' ġustifikazzjoni ulterjuri, jiġifieri, sabiex jiġi żgurat li l-iskema Svediża dwar il-ħelsien mid-dejn ma tfixkilx l-applikazzjoni tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment ma' proċeduri oħra, imsemmija fl-Anness A, li jidħlu fl-iskop tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

34. Nenfasizza mill-bidu nett li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tagħmel l-evalwazzjonijiet fattwali dettaljati meħtieġa. Apparti minn hekk, jidher li hemm evidenza biżżejjed li tissuġġerixxi li r-restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-ħaddiema li tirriżulta mir-rekwiżit ta' residenza bħal dak inkwistjoni fil-proċedura prinċipali ma tistax tiġi ġġustifikata.

Garanzija tal-effettività tad-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn

35. L-ewwel għan tar-rekwiżit ta' residenza jingħad li huwa sabiex ma jingħatax ħelsien mid-dejn f'każijiet fejn tali ħelsien x'aktarx li jkun ineffettiv peress li d-debitur ma jkunx jista' jinvoka d-deċiżjoni kontra l-kreditur.

36. Fil-fehma tiegħi, dan huwa għan leġittimu.

9 — *Olympique Lyonnais,* iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, paragrafu 38, u l-ġurisprudenza ċċitata.

37. Fil-kuntest ta' Stat Membru wieħed, ħelsien mid-dejn bħal dak fil-proċeduri inkwistjoni jeħles lid-debitur minn (parti) mid-dejn tiegħu. Jekk madankollu kreditur ifittex l-irkupru u l-ħlas tad-dejn kopert mid-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn, id-debitur ikollu bażi legali sabiex isostni li d-dejn ma għadux dovut. F'ċirkustanzi bħal dawn inkwistjoni, il-qrati tal-Istat Membru fejn jingħata tali ħelsien mid-dejn huma marbuta minn deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva li d-dejn ma għadux jeżisti taħt id-dritt privat. Għaldaqstant, quddiem dawn il-qrati, id-deċiżjoni hija kompletament effettiva.

38. Min-naħa l-oħra, jekk il-kreditur iressaq azzjoni kontra d-debitur fi Stat Membru ieħor fejn il-qrati għandhom ġurisdizzjoni, huwa inqas ċar jekk id-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn hijiex ser ikollha l-istess effett. Jekk u fejn il-kreditur iressaq azzjoni kontra d-debitur tiegħu jiddependi fuq liema qorti tista' tieħu konjizzjoni tal-kawża u fejn il-kreditur għandu interess li jressaq azzjoni. Jekk l-azzjoni tikkonċerna kwistjoni ċivili jew kummerċjali, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Brussell I jipprovdi li, bħala prinċipju ġenerali, kreditur għandu jressaq azzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn id-debitur għandu d-domiċilju (independentement min-nazzjonalità tiegħu). Ġurisdizzjonijiet addizzjonali u esklussivi jistgħu jkunu jeżistu skont it-tip u s-suġġett tal-azzjoni. L-Artikolu 5(1)(a) ta' dak ir-Regolament jipprovdi, pereżempju, li persuna ddomiċiljata fi Stat Membru wieħed tista' tkun imfittxija wkoll fil-qrati ta' Stat Membru ieħor fejn huwa dovut it-twettiq tal-obbligi kuntrattwali [10].

39. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea ma jobbligax lill-qrati ta' Stati Membri oħra sabiex jirrikonoxxu u jinfurzaw id-deċiżjonijiet Svediżi dwar il-ħelsien mid-dejn.

40. Ir-Regolament Brussell I ma japplikax għal deċiżjoni bħal dik tal-KFM abbażi tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jimplementa l-"moviment liberu ta' sentenzi" f'materji ċivili u kummerċjali [11]. B'mod partikolari, dan jistabbilixxi, fil-Kapitolu III, ir-regoli li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' "xi sentenza mogħtija minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru, independentament minn kif tista' tissejjaħ dik is-sentenza, inkluża dikjarazzjoni, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll dwar id-determinazzjoni tan-nefqa u l-ispejjeż minn uffiċjal tal-qorti" [12].

41. Filwaqt li dan ir-regolament japplika fil-prinċipju għal azzjoni meħuda quddiem qorti għall-irkupru ta' dejn, dan ma japplikax għall-ħelsien mid-dejn bħal dak inkwistjoni. Deċiżjoni Svediża dwar il-ħelsien mid-dejn tidher li hija att minn korp amministrattiv li ma huwiex, ħlief għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament Brussell I, "qorti" skont dan ir-Regolament [13]. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-KFM tintervjeni fir-relazzjoni bejn id-debitur u l-krediturі tiegħu u ġġiegħel lil dawn tal-aħħar sabiex jaċċettaw li d-dejn dovut lilhom jitnaqqas jew jiġi kkanċellat. Huwa att amministrattiv adottat fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi li jikkanċella, mingħajr intervent mill-qorti, (parti) minn dejn taħt id-dritt privat. Din il-bażi hija biżżejjed sabiex jiġi konkluż li r-Regolament Brussell I ma japplikax. Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li jiġi kkunsidrat jekk il-proċeduri dwar il-ħelsien mid-dejn jidħlux fl-iskop tal-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament.

42. Lanqas ma japplika r-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment peress li l-Anness A ta' dak ir-regolament ma jsemmix is-"skuldsanering" jew il-ħelsien mid-dejn. Abbażi tal-fatti limitati disponibbli, jidher ukoll li, kif spjega l-Gvern Svediż waqt is-seduta, il-proċeduri għall-ħelsien mid-dejn *ma jfissrux* it-tneħħija parzjali jew totali tal-assi tad-debitur li "tinvolvi li d-debitur jitlef is-setgħat ta' amministrazzjoni li huwa għandu fuq il-patrimonju tiegħu" [14].

10 — Ara wkoll, pereżempju, l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament Brussell I li jipprovdi għal bażijiet ta' ġurisdizzjoni f'każijiet li jirrigwardaw il-kuntratti għall-konsumaturi (u għalhekk jinkludu dejn tal-konsumatur).

11 — Ara l-premessa 6 fil-preambolu tar-Regolament Brussell I.

12 — Artikolu 32 tar-Regolament Brussell I.

13 — Il-KFM hija meqjusa bħala "qorti" fil-proċeduri sommarji li jirrigwardaw ordnijiet għall-ħlas u għall-assistenza. Ara l-Artikolu 62 tar-Regolament Brussell I: "[f]l-Isvezja, fi proċeduri sommarji li jirrigwardjaw l-ordnijiet għal ħlas […] u għall-assistenza […], l-espressjoni "qorti" tinkludi is-"Servizz ta' Infurzar Svediż" (kronofogdemyndighet)".

14 — Ara l-Artikolu 1(1) tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment. Ara wkoll il-Kawża C-341/04 *Eurofood* (2006) Ġabra p. I-3813, paragrafi 46 u 54.

43. Minħabba l-fatt li ma jeżistux regoli armonizzati dwar l-infurzar u r-rikonoxximent ta' deċiżjoni f'pajjiż barrani bħad-deċiżjoni tal-KFM dwar il-ħelsien mid-dejn, nifhem li tali ħelsien mid-dejn jista' jkun ineffettiv sa fejn id-debitur ma jkunx jista' jinvokah kontra l-krediturі tiegħu li jagħżlu li jressqu azzjoni kontrih barra mill-Isvezja għall-irkupru tad-dejn/djun dovut lilhom. Għaldaqstant, Stat Membru jista' jkun leġittimament imħasseb dwar il-bżonn li tiġi żgurata l-effettività ta' dawn id-deċiżjonijiet u jista' jkun jixtieq jieħu azzjoni sabiex inaqqas jew jelimina [15] r-riskju li dan il-ħelsien mid-dejn ikun ineffettiv.

44. Sussegwentment, il-qorti tar-rinviju għandha tikkunsidra jekk ir-rekwiżit ta' residenza huwiex xieraq sabiex jintlaħaq dak il-għan [16].

45. Eżempju prattiku jista' jgħin sabiex jiġi spjegat liema huma l-kunsiderazzjonijiet li, fl-opinjoni tiegħi, huma rilevanti għal dik l-evalwazzjoni.

46. Jekk nassumu li fil-proċeduri quddiem qorti Belġjana, kreditur jipprova jissekwestra assi miżmuma fil-Belġju sabiex jeżegwixxi ħlas dovut minn debitur Svediż li jgħix u jaħdem fil-Belġju. Jekk dik it-talba tirrigwarda kwistjoni ċivili jew kummerċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Brussell I, dak ir-Regolament jiddetermina jekk il-qorti Belġjana għandhiex ġurisdizzjoni.

47. Jekk dak id-debitur Svediż applika għal u rċieva ħelsien mid-dejn mingħand il-KFM, huwa ma jkunx jista' jinvoka dik id-deċiżjoni sabiex iwaqqaf it-talba tal-krediturі tiegħu (sakemm il-liġi Belġjana ma tipprovdix li l-qrati tagħha għandhom l-obbligu li jirrikonoxxu dik id-deċiżjoni). Għaldaqstant, id-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn tkun ineffettiva f'dak il-kuntest partikolari.

48. Jekk, min-naħa l-oħra, dak id-debitur jirrisjedi fl-Isvezja, iktar huwa probabbli, b'mod korrispondenti, li l-interessi prinċipali tiegħu, inklużi l-assi tiegħu, ikunu jinsabu fl-Isvezja. Għaldaqstant, fil-prinċipju, jista' jkun iktar probabbli li l-krediturі tiegħu jressqu azzjoni kontrih fil-qrati Svediżi, fejn id-deċiżjoni għall-ħelsien mid-dejn tkun effettiva b'mod sħiħ.

49. Għaldaqstant, fil-qosor, jekk id-debitur ikun jirrisjedi fl-Isvezja, id-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn x'aktarx tkun, b'mod ġenerali, effettiva b'mod sħiħ. Jekk id-debitur ma jkunx jirrisjedi fl-Isvezja, id-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn xorta tagħti l-istess protezzjoni fl-Isvezja, iżda b'mod ġenerali, id-debitur jista' jkollu inqas protezzjoni.

50. Sabiex ikun proporzjonat, ir-rekwiżit ta' residenza ma jistax imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi. Din il-kwistjoni trid tiġi stabbilita mill-qorti tar-rinviju, iżda l-osservazzjonijiet li ġejjin jistgħu jservu ta' għajnuna.

51. Fin-nuqqas ta' bażi legali għar-rikonoxximent barra mill-Isvezja tad-deċiżjonijiet rigward il-ħelsien mid-dejn, l-Isvezja tista' biss tagħti garanzija li d-deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn tkun effettiva fl-Isvezja.

52. Madankollu, debituri li jirrisjedu fl-Isvezja jistgħu japplikaw u jirċievu ħelsien mid-dejn minkejja l-possibbiltà li dik id-deċiżjoni ma jkollha ebda effett fil-każ li l-krediturі tagħhom iressqu azzjoni kontrihom barra mill-Isvezja (minħabba, pereżempju, li huma għandhom assi hemmhekk). Debituri li ma jinsabux fl-Isvezja, min-naħa l-oħra, ma jingħatawx l-opportunità li japplikaw għall-ħelsien mid-dejn minkejja l-fatt li tista' titressaq azzjoni kontrihom fl-Isvezja, fejn deċiżjoni bħal din tkun effettiva.

15 — Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk l-għan mixtieq huwiex dak li jiġi eliminat ir-riskju jew li jitnaqqas.

16 — Il-KFM targumenta li t-tneħħija tar-rekwiżit ta' residenza mhux ser issolvi l-problema tan-nuqqas ta' rikonoxximent barra mill-Isvezja tad-deċiżjoni Svediża dwar il-ħelsien mid-dejn. Dan jista' jkun minnu, iżda anki jekk dan jiġi pprovat, dan ma jistabbilixxix jekk, u kif, l-impożizzjoni tar-rekwiżit ta' residenza tikkontribwixxix għall-ewwel għan.

53. Għaldaqstant, ir-rekwiżit ta' residenza huwa kundizzjoni *assoluta* għall-eliġibbiltà li huwa impost minħabba l-*possibbiltà* li kreditur *jista'* jiddeċiedi li jressaq azzjoni għall-ħlas tad-dejn quddiem qrati li jinsabu fi Stat Membru ieħor li *jistgħu* jiddeċiedu li ma jirrikonoxxux id-deċiżjoni Svediża dwar il-ħelsien mid-dejn. L-eżistenza ta' dik il-possibbiltà ma tistax tiġġustifika l-impożizzjoni ta' rekwiżit ta' residenza fuq l-applikanti kollha għall-ħelsien mid-dejn.

54. F'dan ir-rigward, inqis li huwa ta' importanza vitali li jiġi kkunsidrat il-kuntest ġenerali li fih l-allegat riskju jista' jqum. Tali ħelsien mid-dejn huwa biss disponibbli fejn debitur li falla jkun tant imdejjen li huwa jew hija ma jistgħux jiġu preżunti li għandhom il-mezzi sabiex iħallsu d-dejn tagħhom fi żmien qasir u għaldaqstant jitolbu li jingħataw il-ħelsien mid-dejn parzjali jew totali. Huwa diffiċli li wieħed jimmaġina li d-debituri kollha jew parti kbira minnhom li applikaw għall-ħelsien mid-dejn ser ikollhom assi barra minn pajjiżhom. Dak li huwa importanti għall-kreditur, li jixtieq jissekwestra xi assi li jista' jkun fadal sabiex ikun jista' jeżegwixxi l-ħlas tad-dejn, huwa l-post fejn dawn jinsabu (u mhux il-post fejn jirrisjedi d-debitur).

55. F'dawk iċ-ċirkustanzi, tkun miżura sproporzjonata li lill-applikant ma jingħatalux il-ħelsien mid-dejn biss minħabba l-fatt li huwa ma jirrisjedix fl-Isvezja, u għaldaqstant tiġi injorata l-possibbiltà li probabbilment ser titressaq azzjoni kontrih fil-qrati Svediżi.

56. Il-fatti li jippreċedu l-proċeduri prinċipali jispjegaw sewwa dan il-punt. U. Radziejewski jidher li ma għandux assi barra mill-Isvezja li jistgħu jkunu ta' interess għall-kredituri tiegħu. Is-salarju li jirċievi fil-Belġju huwa suġġett għal ordni ta' sekwestru Svediż fuq id-dħul. Id-dejn kollu magħruf tiegħu oriġina fl-Isvezja. Il-kredituri magħrufa kollha tiegħu huma Svediżi. Huwa inċert jekk il-kredituri tiegħu humiex verament ser iressqu azzjoni kontrih fil-Belġju. Iċ-ċirkustanzi tiegħu juru li sabiex jiġi żgurat li deċiżjoni dwar il-ħelsien mid-dejn tingħata biss jekk tkun effettiva, ikun suffiċjenti li jiġi vvalutat fuq bażi individwali jekk deċiżjoni tali hijiex ser tagħti protezzjoni effettiva fl-Isvezja u li din ma tiġix mogħtija fil-każ li jiġi pprovat (*quod non*) li l-ħelsien mid-dejn mhux ser ikollu effetti fl-Isvezja.

57. Inżid ngħid li r-rekwiżit ta' residenza jeskludi kategorija sħiħa ta' debituri biss minħabba l-fatt li ma jirrisjedux fl-Isvezja *fil-mument tal-applikazzjoni tagħhom* għall-ħelsien mid-dejn. Min-naħa l-oħra, waqt is-seduta ġie kkonfermat li debitur li ngħata ħelsien mid-dejn iżda li sussegwentement isiefer u għaldaqstant ma għadux jissodisfa l-kundizzjoni ta' residenza ma huwiex neċessarjament eskluż mill-iskema, sakemm jibqa' rreġistrat fir-reġistru tal-popolazzjoni Svediż. Fil-fehma tiegħi, applikazzjoni arbitrarja bħal din tar-rekwiżit ta' residenza ma hijiex kompatibbli mar-rekwiżit li r-rekwiżit ta' residenza għandu jkun proporzjonat mal-għan imsemmi tiegħu.

Ksib ta' informazzjoni kompleta u korretta dwar id-debitur

58. L-Isvezja targumenta li r-rekwiżit ta' residenza jiżgura li l-KFM tista' tiskopri, tiġbor, teżamina u tivverifika informazzjoni dwar il-pożizzjoni personali u finanzjarja tad-debitur. Jekk id-debitur jirrisjedi barra mill-Isvezja – jgħid l-argument – ikun diffiċli li tinkiseb l-informazzjoni neċessarja, jekk mhux mingħand id-debitur innifsu, u għalhekk li tiġi vverifikata.

59. Deċiżjoni rigward ħelsien mid-dejn għandha kjarament tkun ibbażata fuq evalwazzjoni xierqa u ddettaljata tal-pożizzjoni personali u finanzjarja attwali tad-debitur. Nifhem li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha titqiegħed fil-pożizzjoni li tiġbor, teżamina u tivverifika informazzjoni neċessarja sabiex din tkun tista' tadotta deċiżjoni informata dwar jekk id-debitur huwiex eliġibbli għall-ħelsien mid-dejn. Dan huwa konsistenti b'mod sħiħ mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Għaldaqstant, miżuri adottati għal din ir-raġuni għandhom għan leġittimu.

60. Iktar minn hekk nifhem li jista' jkun iktar sempliċi mill-perspettiva amministrattiva li l-proċess ta' verifika jsir fuq id-debitur li jirrisjedi fl-Isvezja peress li jista' jkun iktar faċli (i) li titħejja laqgħa bejn il-KFM u d-debitur u (ii) li tinġabar u tiġi vverifikata informazzjoni li hija disponibbli, pereżempju, fid-databases u fir-reġistri miżmuma mill-awtoritajiet Svediżi. Jekk informazzjoni rilevanti hija miżmuma mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor, il-KFM ma tistax taċċedi għaliha awtomatikament, u jista' jkollha bżonn tressaq talba għall-informazzjoni lil dak l-Istat Membru jew lid-debitur. Għal din ir-raġuni, ir-rekwiżit ta' residenza jista' jidher bħala kundizzjoni xierqa li għandha tiġi imposta.

61. Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju jkollha teżamina jekk ir-rekwiżit ta' residenza jkunx imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li tinkiseb informazzjoni kompleta u korretta dwar id-debitur.

62. L-ewwel nett, skont iċ-ċirkustanzi attwali tal-każ, jista' ma jkunx hemm bżonn li titfittex, li jingħata aċċess għal, jew li tinkiseb l-informazzjoni barra mill-Isvezja.

63. It-tieni nett, nagħti importanza lill-argument tal-Kummissjoni li r-rekwiżit ta' residenza huwa purament kwistjoni ta' forma u li l-awtoritajiet Svediżi jistgħu faċilment jistabbilixxu s-sitwazzjoni finanzjarja ta' applikant bħal U. Radziejewski abbażi tad-dikjarazzjoni tat-taxxa tiegħu, tat-taxxa mħallsa fuq is-salarju tiegħu mill-persuna Svediża li timpjegah u tal-ordni ta' sekwestru fuq id-dħul li jingħata mill-KFM stess. Ninnota li l-paragrafi 14 u 17 tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn jeħtieġu li l-KFM tinvestiga, sa fejn huwa neċessarju, dwar iċ-ċirkustanzi persunali u finanzjarji tad-debitur billi tikkuntattja lil awtoritajiet amministrattivi oħra, u jippermettu lill-KFM torganizza laqgħa mad-debitur. Apparti l-informazzjoni ppreżentata mid-debitur u dik li waslet mill-awtoritajiet l-oħra, il-KFM tista' tirċievi wkoll informazzjoni mill-krediturі.

64. Jekk id-debitur jirrisjedi barra mill-Isvezja, nifhem li jista' jkun hemm informazzjoni li l-KFM ma tkunx tista' tiġbor jew tivverifika mingħajr l-awtorizzazzjoni kemm tad-debitur kif ukoll ta' awtorità fi Stat Membru ieħor jew mingħajr ma tkun kisbet id-dokumentazzjoni ppreżentata minn dan tal-aħħar. F'każijiet individwali fejn din l-informazzjoni titqies li hija meħtieġa, huwa diffiċli li wieħed jara r-raġuni għalfejn il-KFM ma għandhiex tagħmel tali rikjesta jew tistaqsi lill-applikant sabiex jipprovdi huwa stess id-dokumentazzjoni meħtieġa. F'dan ir-rigward, il-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn tipprovdi li l-KFM għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt jekk id-debitur ikkooperax waqt din il-proċedura [17]. Għaldaqstant, jeżistu inċentivi għad-debitur, anki jekk jirrisjedi barra mill-Isvezja, sabiex dan jikkoopera.

65. Finalment, il-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn tidher li hija fformulata b'tali mod li tagħmel il-laqgħa fiżika bejn id-debitur u l-KFM xi ħaġa li ma hijiex mandatorja. Jekk dan huwa minnu, ir-rekwiżit *ġenerali* ta' residenza jidher li jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li *f'ċerti* każijiet id-debitur ikun preżenti għal-laqgħa mal-KFM. Jekk din il-laqgħa hija biss neċessarja f'ċerti ċirkustanzi, jidher li hemm mezzi oħra inqas restrittivi li jipprovdu opportunità lid-debitur sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu u sabiex il-KFM tkun tista' tevalwa l-kredibbiltà ta' dan tal-aħħar [18].

17 — Ara l-paragrafu 4 tal-Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn.

18 — Huwa minnu li għal debitur li ma għandux flus u li jirrisjedi barra mill-Isvezja jista' jkun finanzjarjament impossibbli li jħallas għall-vjaġġ lura lejn l-Isvezja sabiex jattendi din il-laqgħa fiżikament. F'ċirkustanzi bħal dawn, ma huwiex teknoloġikament impossibbli li titranġa, pereżempju, konferenza vidjo fl-ambaxxata Svediża jew fil-konsulat Svediż.

Kif tista' ma tiġix ipperikolata l-applikazzjoni tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment

66. Waqt is-seduta, il-Gvern Svediż argumenta li l-iskema għall-ħelsien mid-dejn ma tistax titħalla tipperikola l-applikazzjoni tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment għal proċeduri li jissemmew fl-Anness A. Il-pożizzjoni tal-Gvern Svediż tidher li hija li, fin-nuqqas ta' rekwiżit ta' residenza, debitur jista' japplika għall-ħelsien mid-dejn fl-Isvezja minflok fl-Istat Membru fejn huwa għandu japplika skont ir-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment [19].

67. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ma għandux bażi.

68. L-applikazzjoni koerenti u konsistenti tad-dritt tal-UE hija kjarament għan leġittimu. Madankollu, abbażi tal-informazzjoni limitata ħafna li hija disponibbli, ma nqisx li r-rekwiżit ta' residenza jista' jiġi ġġustifikat fuq dik il-bażi.

69. Naturalment, l-Isvezja għandha tikkonforma mad-dispożizzjoni dwar il-ġurisdizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment, li tiddikjara li l-ġurisdizzjoni għal ftuħ tal-*proċeduri ta' falliment li huma koperti minn dak ir-regolament* hija tal-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur. Il-qrati Svediżi jew awtoritajiet oħra ma jistgħux jiftħu tali proċeduri jekk l-interessi prinċipali tad-debitur ma jinsabux fl-Isvezja. Min-naħa l-oħra, il-qrati Svediżi (u l-awtoritajiet amministrattivi) huma kompetenti sabiex jittrattaw *proċeduri oħra li ma humiex koperti minn dak ir-regolament* mingħajr ma jipperikolaw id-dispożizzjoni fl-Artikolu 3(1) tiegħu. Din il-pożizzjoni tal-Gvern Svediż tfixkilni. Minn naħa waħda, dan jikkunsidra li l-proċeduri għall-ħelsien mid-dejn tiegħu huma ekwivalenti f'dan il-kuntest għal dawk imsemmija fir-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tal-argumenti tiegħu rigward l-effettivtità tal-ħelsien mid-dejn, dan isostni li l-proċedura "skuldsanering" la hija msemmija fl-Anness A u lanqas ma tinvolvi t-tneħħija tal-assi tad-debitur [20].

70. Għaldaqstant, ma nara l-ebda rabta bejn ir-rekwiżit ta' residenza u l-applikazzjoni koerenti u konsistenti tad-dritt tal-UE dwar il-proċeduri ta' falliment.

Konklużjoni

71. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imressqa iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domanda mressqa mill-iStockholms tingsrätt f'dan is-sens:

L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li rekwiżit ta' residenza bħal dak li jinsab fl-iSkuldsaneringslagen (2006:548) (Liġi dwar il-ħelsien mid-dejn) bħala kundizzjoni għall-ksib tal-ħelsien mid-dejn jikkostitwixxi restrizzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema peress li jista' jipprekludi jew jiddiswadi lil ħaddiem milli jitlaq mill-Isvezja sabiex isib xogħol fi Stat Membru ieħor.

19 — Ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar Proċeduri ta' Falliment.

20 — Ara l-punt 42 iktar 'il fuq.